



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10005/24

Fajls Interistituzzjonali:
2024/0053(NLE)
2024/0052(NLE)

AELE 41
EEE 23
ISL 19
N 30
FL 23
PECHE 183

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea,
l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja
dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028,
il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea
dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028,
il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea
u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim
bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Għad hemm il-ħtieġa li jittaffew disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati taż-ŻEE-EFTA u mekkaniżmu finanzjarju Norveġiż ġdid.
- (2) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Iżlanda, mal-Prinċipat tal-Liechtenstein u mar-Renju tan-Norveġja rigward ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
- (3) Il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu Mejju 2021–April 2028 (“il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE”) u l-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu Mejju 2021–April 2028 (“il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż”) ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea u għat-tishiġ tar-relazzjonijiet bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Istati Benefiċjarji.
- (4) Il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE jirrifletti l-benefiċċji li jirriżultaw għall-Istati taż-ŻEE-EFTA mill-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern u jqis l-għan li jippromwovi t-tishiġ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim ŻEE f'konformità mal-Artikolu 115 tal-Ftehim taż-ŻEE.

- (5) Il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż jistabbilixxu proċeduri speċjali li jżidu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni u l-konsultazzjoni tal-Istati Benefiċjarji. B'mod partikolari, kemm il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE kif ukoll il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż jipprevedu li tiġi kkonsultata l-Kummissjoni fuq livell strateġiku matul in-negozjati għall-Memoranda ta' Qbil bejn l-Istati Donaturi u l-Istati Benefiċjarji. Huma jinkludu wkoll arranġamenti sabiex il-Kummissjoni tipprovdi assistenza lill-Istati Benefiċjarji fil-konsultazzjonijiet dwar id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi. Dawn is-salvagwardji ser jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effiċjenti u f'waqtha tal-mekkaniżmi, filwaqt li jqisu bis-siġħ il-ħtiġijiet tal-Istati Benefiċjarji u d-diffikultajiet sostanzjali li jistgħu jesperjenzaw fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi finanzjarji, inkluż fir-rigward tal-valuri u l-prinċipji komuni tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lid-dritt ta' Stat Benefiċjarju li jinstema' fejn huma kkonċernati miżuri bħas-sospensjoni tal-pagamenti u l-irkupru tal-fondi.
- (6) Meta jitqies li l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE ser jiżdied bħala protokoll addizzjonali għall-Ftehim taż-ŻEE, l-Unjoni tkun tista', f'konformità mal-proċeduri rilevanti skont it-Trattati, tressaq tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-protokoll addizzjonali quddiem il-Kumitat Konġunt, skont l-Artikolu 111 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li twassal għal diffikultà, skont l-Artikolu 89 tal-Ftehim ŻEE.

- (7) Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda u min-Norveġja, stabbiliti fil-Protokolli Addizzjonali tal-Ftehimiet rispettivi ta' Kummerċ Fieles mal-Komunità Ekonomika Ewropea, skadew fit-30 ta' April 2021 u ġew riveduti f'konformità mal-Artikolu 1 ta' dawk il-Protokolli Addizzjonali. Għalhekk fl-20 ta' Mejju 2021, flimkien man-negozjati dwar kontribuzzjoni finanzjarja futura u bħala parti minn ftehim dwar pakkett komprensiv, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati dwar ftehim dwar l-aċċess għas-suq għall-ħut u l-prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda u min-Norveġja.
- (8) Is-sostituzzjoni tal-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti b'mekkaniżmi ġodda, li jirrigwardaw perjodi differenti ta' żmien, ammonti differenti ta' fondi u dispożizzjonijiet differenti ta' implimentazzjoni, kif ukoll it-tiġdid u l-estensjoni tal-konċessjonijiet li jirrigwardaw ċertu ħut u prodotti tas-sajd, li kienu parti mill-pakkett komprensiv ta' negozjati, jikkostitwixxu, komplessivament, żvilupp importanti tal-assoċjazzjoni mal-Istati taż-ŻEE-EFTA, li jiġġustifika r-rikors għall-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- (9) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024...²⁺, il-Ftehimiet u l-Protokolli Addizzjonali ġew iffirmati fi Brussell fi⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni ta' dawn il-Ftehimiet u tal-Protokolli Addizzjonali. Jenħtieġ li dawn il-Ftehimiet u l-Protokolli jiġu approvati fisem l-Unjoni Ewropea.
- (10) Jenħtieġ li, f'konformità mat-Trattati, il-Kummissjoni tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehimiet u l-Protokolli Addizzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/...ta'...dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni stabbilita f'ST 10003/24 u kkompleta n-nota fil-qiegħ korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehimiet u tal-Protokolli Addizzjonali stabbiliti f'ST 10057/24, ST 10146/24, ST 10148/24 u ST 10149/24.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda huma b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea³⁺.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiddepożita/jiddepożitaw l-istrumenti ta' approvazzjoni f'isem l-Unjoni kif previst fl-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, l-Artikolu 11 tal-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, l-Artikolu 5 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, u l-Artikolu 4 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda, sabiex tesprimi/jesprimu l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat b'dawk il-Ftehimiet u l-Protokolli⁴.

³ It-testi tal-Ftehimiet u tal-Protokolli Addizzjonali huma ppubblikati fil-ĠU...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għall-Ftehimiet u għall-Protokolli Addizzjonali stabbiliti f'ST 10057/24, ST 10146/24, ST 10148/24 u ST 10149/24 fin-nota' ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet u l-Protokolli Addizzjonali ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kunsill

Il-President
